**IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Deċiżjoni Preliminari Numru: 2464

Każ Numru: 3396/KBC

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

UĦM, f'isem u fl-interess tal-membri taghha Patricia Grima, Miriam Saia, Marthese Baldacchino, Odette Spiteri, Margaret Cassar, Raphael Bonnici u Leanne Mizzi, lkoll impjegati tal-MEPA

u

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona
Membri: Is-Sur Lawrence Mizzi u s-Sur John Bencini

Illum il-Ġimgħa, 24 ta' Frar, 2017

**It-Tribunal,**

Ra l-ittra tal-20 t'Awwissu, 2015, mibgħuta mill-Avv. Ian Spiteri Bailey "għan-nom tal-Union Ħaddiema Magħqudin, li min-naħa tagħha qed taġixxi b'mod kollettiv f'isem u in rappreżentanza ta' Patricia Grima, Miriam Saia, Marthese Baldacchino, Odette Spiteri, Margaret Cassar, Raphael Bonnici u Leanne Mizzi, lkoll impjegati tal-MEPA";

Ra r-referenza mill-Onor. Ministru sabiex it-tilwima tiġi determinata minn dan it-Tribunal;

Ra r-risposta tal-Awtorità Ntimata li permezz tagħha eċċepiet l-illeġittimità tal-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM) li toqgħod f'dawn il-proċeduri u li tidher f'isem u fl-interess ta' l-imsemmija persuni rappreżentati minnha, peress illi dawn il-persuni huma preżenti f'dawn il-gżejjer, u dan a tenur tal-Artikolu 78(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 1866 tal-Kodiċi Ċivili;

Ra n-nota tal-Awtorità Ntimata tat-8 ta' Frar, 2016, in sostenn ta' l-ewwel eċċezzjoni;

Semgħa t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li l-każ tħalla għad-deċiżjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-Awtorità Ntimata;

**Ikkunsidra:-**

Illi l-proċeduri odjerni nbdew permezz ta' ittra tal-20 t'Awwissu, 2015, mibgħuta mill-Avv. Ian Spiteri Bailey, li ġġib it-titolu "Kwistjoni Industrijali bejn l-UĦM u l-MEPA", u li però jiddikjara li qed jikteb għan-nom tal-UĦM, "li min-naħa tagħha qed taġixxi b'mod kollettiv f'isem u in rappreżentanza ta' Patricia Grima, Miriam Saia, Marthese Baldacchino, Odette Spiteri, Margaret Cassar, Raphael Bonnici u Leanne Mizzi";

Illi fl-imsemmija ittra, ntalab b'mod ċar li l-okkju tar-referenza kellu jkun kif mistqarr, u ċioè li l-UĦM kienet qed tidher "fl-isem u fl-interess" tal-persuni hemm identifikati. Għalhekk, inħolqot ambigwità peress li min-naħa ngħad li hemm tilwima bejn il-UĦM u l-MEPA, iżda t-talba fl-ittra ma tħalli ebda dubju li l-UĦM ma kellhiex ħsieb li tkun parti mill-atti fil-vesti *proprio* iżda biss fil-vesti *nomine,* għan-nom tal-persuni identifikati minnha;

Illi skont l-artikolu 180(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, persuna tista' tippreżenta skritturi bħala prokuratur meta l-persuna rappreżentata minnha tkun tinsab barra mill-pajjiż. Proprju għalhekk li l-Awtorità Ntimata ssostni li ladarba l-persuni rappreżentati *nomine* mill-UĦM jinsabu Malta, il-pożizzjoni tal-UĦM hija waħda lleġittima;

Illi t-Tribunal japprezza din is-sottomissjoni fid-dawl tal-fatt li l-ittra li ppromwoviet l-azzjoni ndikat b'mod ċar li l-UĦM kienet qed taġixxi *nomine* u mhux bħala persuna ġuridika distinta li riedet tkun parti mill-proċeduri. Kienet għażla tal-UĦM li ġġib magħha konsegwenzi proċedurali. Din mhix kwistjoni li t-Tribunal jista' jqis b'leġġerezza għaliex ma jistax ikun hemm dubju dwar kwistjoni daqstant fundamentali bħal ma hija l-identità tal-partijiet fil-kawża;

Illi madankollu ma jirriżultax kontestat li l-persuni ndikati xtaqu jistitwixxu dawn il-proċeduri u li fil-fatt hekk għamlu permezz ta' l-ittra tal-Avv. Spiteri Bailey li turi li l-patroċinati huma dawk l-istess persuni, anki jekk tramite l-UĦM li ffaċilitat il-proċedura bħala parti mis-servizzi trejdunjonistiċi tagħha;

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li minkejja li l-ittra talbet li okkju jkun kif ingħad fl-ittra, l-okkju kellu b'mod aktar korrett jindika li r-rikorrenti kienu l-individwi *proprio*, u li dan huwa nuqqas amministrattiv li jeħtieġ li jkun korrett minn dan it-Tribunal, kif għandu s-setgħa li jagħmel;

Illi t-Tribunal sejjer għalhekk jiddetermina li r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri huma Patricia Grima, Miriam Saia, Marthese Baldacchino, Odette Spiteri, Margaret Cassar, Raphael Bonnici u Leanne Mizzi, u li għaldaqstant il-proċeduri jistgħu jitkomplew minnhom.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-Awtorità Ntimata bil-mod kif premess f'din id-deċiżjoni; jiddikjara għal kull buon fini li l-Union Ħaddiema Magħqudin qatt ma kienet parti minn dawn il-proċeduri, u għalhekk**

**jordna korrezzjoni fl-okkju ta' dawn il-proċeduri u kull fejn jiddekorri billi jitħassru l-kliem "UHM, f'isem u fl-interess tal-membri tagħha", u jordna l-prosegwiment tas-smiegħ.**

| | | |
|---|---|---|
| (Iffirmat) | (Iffirmat) | (Iffirmat) |
| Dr Katrina Borg-Cardona | Is-Sur Lawrence Mizzi | Is-Sur John Bencini |
| Chairperson | Membru | Membru |

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**